BORD LI JIRREGOLA L-KERA

Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.

Lorenza sive Laura Cilia u Josette Micallef

vs

Carmel sive Charles Saliba u martu Margaret Saliba

Rikors Guramentat Numru: 70/2018JD

Illum 29 ta' Lulju 2020

Il-Bord,

Ra r-Rikors Guramentat tar-rikorrenti[1] li jaqra hekk :

Illi l-esponenti huma ko-proprjetarji tal-fond 103, Triq San Lawrenz, Birgu.

Illi dan il-fond kien mikri lill-intimati permezz ta' kuntratt ta' lokazzjoni ffirmat fil-25 ta' Awwissu, 2003 [Dok A], bl-iskadenza li jmiss dovuta fil-25 ta' Awwissu, 2018.

Illi permezz ta' ittra ufficjali pprezentata fis-26 ta' Marzu 2018 [Dok B], il-kirja tal-fond lokat giet terminata b'effett immedjat minhabba cirkostanzi serji li jaghtu lok ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' lokazzjoni u dan ai termini tal-artikolu 18 tal-imsemmi kuntratt. Tali cirkostanzi jinkludu hlas ta' kirjiet bi flus foloz ammontanti ghas-somma ta' €4,550 ; nuqqas ta' hlas ulterjuri ta' kera ai termini tal-kuntratt ta' lokazzjoni ammontanti ghas-somma ta' €3,810, liema somma tirraprezenta hlas dovut ghall-iskadenzi ta' Lulju, 2017, Ottubru 2017 u Jannar 2018 [bir-rata ta' €1,270 kull tlett xhur] ; u nuqqas ta' hlas ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma ammontanti ghal €1,303 ; u ksur ulterjuri tal-kundizzjonijiet imposti fil-lokazzjoni.

Illi minkejja li bl-imsemmija ittra ufficjali, ir-rikorrenti nterpellaw lill-intimati sabiex jirritornaw ic-cwievet tal-fond lokat lill-esponenti u jirritornaw il-pussess tal-istess fond lokat, l-intimati xorta baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ladarba l-intimati naqsu li jroddu lura c-cwievet tal-fond lill-esponenti, skattat il-penali ta' €23.29 [ekwivalenti ghal Lm10] ghal kull jum mis-26 ta' Marzu, 2018 sad-data ta' meta

[1] Fol. 1 sa 3

jivvakaw mill-fond, liema penali giet imposta fuq l-intimati ai termini tal-artikolu 18 tal-kuntratt ta' lokazzjoni.

Illi l-esponenti jafu personalment b'dawn il-fatti u fl-opinjoni tal-esponenti, l-intimati m'ghandhom l-ebda difiza x'iressqu kontra t-talbiet taht dedotti, u ghalhekk jitolbu li r-rikors jigi trattat bil-procedura sommarja a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex joghgbu prevja kwalunkwe dikjarazzjoni, ordni u/jew provvediment necessarji u opportun :-

1. Jiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. Jiddikjara lill-intimati huma inadempjenti fil-hlas tal-ammont komplessiv ta' €9,663, rapprezentanti inkwantu ghas-somma ta' €4,550 bhala kirjiet imhallsa bi flus foloz ; inkwantu ghas-somma ta' €3,810 bhala hlas ulterjuri ta' kera dovuta ai termini tal-kuntratt ta' lokazzjoni ghall-iskadenzi ta' Lulju 2017, Ottubru 2017 u Jannar 2018 ; u inkwantu ghas-somma ta' €1,303 rapprezentanti nuqqas ta' hlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma ;

3. Jikkundanna lill-intimati in solidum ihallsu s-somma komplessiva ta' disat elef sitt mija tlieta u sittin Euro (€9,663).

4. Prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-intimati huma inadempjenti fl-obbligi taghhom, jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess vakanti tal-fond 103, Triq San Lawrenz, Birgu u jordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn dan l-Onorabbli Bord, jizgombraw mill-istess fond.

5. Jikkundanna lill-intimati in solidum ihallsu s-somma ta' €23.29 ghal kull jum li jdumu biex jizgombraw mill-fond 103, Triq San Lawrenz, Birgu u dan b'effett mis-26 ta' Marzu, 2018 sad-data tal-izgumbrament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-26 ta’ Marzu, 2018 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv, u b’rizerva ghal kwasijasi dritt ulterjuri spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimati, li minn issa qed jigu ngunti in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors Guramentat[2].

Ra li, fl-udjenza tad-9 ta’ Lulju 2018[3], dan il-Bord iddecieda li l-intimati ppruvaw fuq bazi prima facie li ghandhom eccezzjonijiet x’jistghu jaghtu, u ghaldaqstant filwaqt li cahad l-ewwel talba tar-rikorrenti, ipprefigga terminu ta’ ghoxrin (20) jum lill-istess intimati biex jipprezentaw ir-Risposta taghhom.

Ra r-Risposta tal-intimati[4] li permezz taghha eccepew:

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta’ interess guridiku ta’ Josette Micallef, liema rikorrenti ma tikkonfigura mkien fir-relazzjoni lokatizzja bejn il-kontendenti l-ohra.

2. Illi preliminarjament ukoll, ghal dak li jikkoncerna t-talba rigwardanti l-hlas ta’ arretrati ta’ dawl u ilma jinghad li jezisti nuqqas ta’ nteress guridiku tar-rikorrenti ghall-allegata somma, ghaliex fin-nuqqas ta’ prova lir-rikorrenti gew surrogati fid-drittijiet tas-socjeta’ ARMS limited, li hija dik is-socjeta’ biss li tista’ tirriklama dan l-allegat ammont.

3. Illi fil-mertu jinghad li l-allegazzjoni dwar hlas foloz hija inveritjiera, malafamanti u zbaljata. Filwaqt li huwa minnu li r-rikorrenti jew min minnhom ghamlu rapport lill-Pulizija Ezekuttiva f’dan is-sens, l-intimat Charles Saliba gie interrogat fuq dan u ma ttiehdu l-ebda proceduri fuq din l-allegazzjoni. L-intimati jichdu li qatt gew utilizzati flus foloz kif allegat.

4. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-intimati huma moruzi fil-hlas tal-arretrati imsemmija fir-rikors promotur. Jinghad li l-intimat Charles Saliba kien dejjem jibghat il-hlas u r-rikorrenti Laura Cilia kienet trodd lura l-ktieb relattiv. Wara l-ahhar data registrata fil-ktieb tal-kera, ghalkemm il-hlas ta’

---

[2] Fol. 4 sa 12

[3] Fol. 19

[4] Fol. 21 sa 22

skadenzi ohra sar, ir-rikorrenti naqset milli trodd lura l-ktieb tal-kera u b'hekk ma giex registrat dan il-hlas.

5. Illi t-talba ghall-hlas ta' penali hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li ma kienx hemm lok ghat-terminazzjoni tal-kirja u in ogni caso biex japplikaw il-penali jehtieg pronunzjament tal-Qorti li tordna l-izgumbrament.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti pprezentati mir-rikorrenti.

Sema' lix-xhieda mressqa minnhom.

Ra li l-intimati ma ressqux provi, minkejja li nghataw diversi opportunitajiet sabiex jaghmlu dan.

Ra li, fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2020[5], dan il-Bord iddikjara maghluq l-istadju tal-provi tal-intimati, u halla l-kawza ghas-sentenza.

Ra li permezz ta' digriet, dan il-Bord ordna lir-rikorrenti sabiex jirregolaw ruhhom dwar il-prova tad-dikjarazzjonijiet dwar trasferimenti causa mortis mehtiega bil-ligi fir-rigward tal-fond mertu tal-kawza.

Ra li permezz tan-nota tar-rikorrenti tat-18 ta' Gunju 2020 gew prezentati causa mortis addizzjonali tar-Reverendu Luigi Cilia, Teresa Cilia u Paul Cilia flimkien mac-certifikati tal-mewt tal-istess persuni.

Ikkunsidra li:

Din hija kawza ghax-xoljiment tal-kirja kummercjali tal-fond 103, Triq San Lawrenz, Birgu, li r-rikorrenti qed jaghmlu kontra l-inkwilini taghhom konjugi Saliba minhabba morozita' fil-hlas tal-kera, morozita' fil-hlas tas-servizzi tad-dawl u l-ilma kkunsmati fil-fond mikri u l-konsegwenti inadempjenza fl-obbligi kuntrattwali li l-istess konjugi Saliba ntrabtu bihom favur l-ahwa Cilia, fosthom ir-rikorrenti Lorenza sive Laura Cilia skont Skrittura ta' Lokazzjoni datata 25 ta' Awwissu 2003.[6]

---

5 Fol. 168 sa 169

6 Ara skrittura ta' lokazzjoni, Dok. A, fol. 5 sa 9

Skont dan il-kuntratt ta' kiri, ir-rikorrenti Lorenza sive Laura Cilia f'isimha u ghan-nom ukoll ta' hutha Dun Louis Cilia, Theresa Cilia u Paul Cilia krew lill-intimati Carmel u Margaret konjugi Saliba l-fond 103, Triq San Lawrenz, Birgu, ghal zmien ghoxrin (20) sena li bdew jghaddu mill-25 ta' Awwissu 2003 u kellhom jaghlqu fl-24 ta' Awwissu 2023, bil-kera stipulata fil-klawsola sebgha (7) tal-istess kuntratt, pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem, ghal skop ta' negozju u kummerc[7]. Il-partijiet ftiehmu li, f'kaz li l-konjugi Saliba jonqsu li jhallsu l-kera ghal tlett darbiet konsekuttivi, il-lokaturi jkollhom dritt jirrexxindu l-ftehim tal-kiri u jiehdu lura l-fond mikri.[8] L-intimati konjugi Saliba ntrabtu wkoll li jhallsu wahedhom ghall-konsum u l-kera tas-servizzi tad-dawl u l-ilma stallati f'dan il-fond fiz-zmien tal-kiri.[9]

Jirrizulta li, permezz ta' ittra ufficjali datata 26 ta' Marzu 2018[10], debitament notifikata lill-intimati, ir-rikorrenti avzawhom li din il-kirja kienet qed tigi terminata b'effett immedjat minhabba cirkostanzi serji li jaghtu lok ghar-rexxissjoni fit-termini tal-klawsola tmintax (18) tal-iSkrittura ta' Lokazzjoni, liema cirkostanzi kienu jinkludu l-hlas ta' kera bi flus foloz, in-nuqqas ta' hlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u l-ksur ulterjuri ta' kundizzjonijiet ohra tal-kiri, u konsegwentement interpellawhom jivvakaw immedjatament minn dan il-fond.

Klawsola tmintax (18) tal-iSkrittura ta' Lokazzjoni bejn il-partijiet tipprovdi hekk:

> Jekk jirrizultaw cirkostanzi serji bizzejjed li a bazi anke tal-kundizzjonijiet ta' din l-Iskrittura ta' Lokazzjoni, is-sidien ossa l-LOKATURI jkollhom id-dritt li jirrexxindu tali skrittura privata ta' lokazzjoni u jiehdu lura l-fond de quo, l-INKWILINI jew it-terza persuna li lilha jigi assenjat il-fond de quo, jobbligaw ruhhom li jroddu lura c-cwievet tal-fond de quo lis-sidien jew lill-komproprjetarji jew lill-LOKATURI u fin-nuqqas li dan isir hemm piena ta' ghaxar liri Maltin (LM10) ghal kull jum li trid tithallas lill-INKWILINI jew it-terzi persuni li lilhom jigi assenjat il-fond de quo a bazi tal-iskrittura kif hawn fuq indikat.

L-intimati jikkontestaw il-kawza fuq diversi binarji. Huma jeccepixxu, preliminarjament, li r-rikorrenti Josette Micallef ghandi tipprova l-interess guridiku taghha, billi hija ma tiffigura mkien fir-relazzjoni lokatizja taghhom mal-lokaturi. Huma jeccepixxu wkoll il-karenza ta' interess guridiku tar-rikorrenti biex jezigu minghandhom il-hlas ta' arretrati ta' dawl u ilma billi, skont huma, dan il-hlas isir dovut biss jekk ir-rikorrenti gew surrogati

---

7 Ara klawsola hmistax (15) tal-iSkrittura ta' Lokazzjoni, fol. 8

8 Ara klawsola tnax (12) tal-iSkrittura ta' Lokazzjoni, fol. 7

9 Ara klawsola sittax (16) tal-iSkrittura ta' Lokazzjoni, fol. 8

10 Dok. B, fol. 11

fid-drittijiet tas-socjeta' ARMS Limited kontra l-intimati fir-rigward tal-hlasijiet effettwati mir-rikorrenti. Fil-mertu, l-intimati jikkontestaw li hallsu l-kera bi flus foloz, li kienu moruzi fil-hlas tal-kera, jew li ghandhom ihallsu xi penali skont il-ftehim tal-kiri.

Ikkunsidra wkoll li:

Mill-provi mressqa mir-rikorrenti, u fin-nuqqas ta' provi kuntrarji mressqa mill-intimati, dan il-Bord jinsab sodisfatt, sal-livell rikjesti fil-procediment civili ta' bilanc ta' probabiltajiet, li:

(i) ir-rikorrenti Josette Micallef wirtet sehem mill-fond mertu tal-kawza wara l-mewt ta' missierha Paul Cilia, u din it-trasmissjoni causa mortis giet debitament dikjarata lill-Gvern, u t-taxxa relattiva thallset lill-Kummissarju tat-Taxxi. Konsegwentement, hija ghandha interess guridiku attwali u dirett fit-talbiet proposti minnha u fl-ezitu ta' din il-kawza;

(ii) fil-mertu, wara li qies bir-reqqa x-xiehda tar-rikorrenti[11], u fin-nuqqas tax-xiehda tal-intimati bil-verzjoni taghhom dwar il-kwistjonijiet tal-hlas tal-kera u tal-hlas ghas-servizzi, il-Bord jinsab moralment konvint, fuq bilanc ta' probabiltajiet, li l-intimati naqsu mill-obbligi assunti minnhom kemm ghall-hlas tal-kera fil-pront, u anke ghall-hlas tas-servizzi kkunsmati minnhom fil-fond.

Mid-dokumenti prodotti mir-rikorrenti jirrizulta li l-intimati ghaddew l-ahhar hlas ta' kera lil-lokaturi taghhom fl-1 ta' Lulju 2017[12], meta ghaddewlhom hlas ta' €1,270 (elf mitejn u sebghin Ewro) fi flus kontanti ghall-iskadenza li ghalqet f'Jannar 2017 ghaz-zmien tal-kiri sa Marzu 2017. Skont il-kuntratt tal-kiri, kull skadenza hija ghal zmien tal-kiri ta' tlett xhur, u l-iskadenzi huma fil-25 ta' Awwissu, 25 ta' Novembru, 25 ta' Frar u 25 ta' Mejju ta' kull sena. Harsa hafifa lejn il-kopja tar-ricevuti tal-kera rilaxxjati mir-rikorrenti[13] turi car li l-intimati kienu regolarment tardivi fil-hlas tal-kera, u f'diversi okkazjonijiet hallsu biss wara li l-lokaturi taghhom baghtu jfakkruhom fil-morozita' taghhom.[14] Din il-kawza giet prezentata fit-28 ta' Mejju 2018, u ghalhekk, skont l-iSkrittura ta' Lokazzjoni, fid-data tal-prezentata ta' din l-azzjoni r-rikorrenti kienu moruzi fil-hlas tal-kera ghall-iskadenzi li

[11] Ara affidavit ta' Lorenza Cilia, fol. 27 sa 28; u affidavit ta' Josette Micallef, fol. 73 sa 74; ara wkoll kontroezamijiet, fol. 135 sa 143 u 148 sa 164y

[12] Fol. 59

[13] Fol. 50 sa 60

[14] Fol. 36 sa 40 u 48

ghalqu fil-25 ta' Frar 2017, 25 ta' Mejju 2017, 25 ta' Awwissu 2017, 25 ta' Novembru 2017, 25 ta' Frar 2018 u 25 ta' Mejju 2018.

(iii) m'hemmx dubju wkoll li l-intimati naqsu mill-obbligu taghhom li jhallsu fil-pront il-kontijiet tas-servizzi tad-dawl u l-ilma kkunsmati minnhom fil-fond mikri lilhom. Ir-rikorrenti pprezentaw il-korrispondenza mibghuta lir-rikorrenti Lorenza Cilia, bhala l-konsumatur registrat ghal dawn is-servizzi, li tispjega car din il-morozita' tal-intimati, u li hallew jakkumula dejn fis-somma ta' €2,238.57 (elfejn mitejn u tmienja u tletin Ewro u sebgha u hamsin centezmu)[15]. Ir-rikorrenti kienu sejhu lill-intimati sabiex ihallsu dan id-dejn permezz ta' ittra legali datata 1 ta' Novembru 2016[16], pero' ma jirrizultax li l-intimati ghamlu dan. Filfatt, ir-rapprezentant ta' ARMS Limited Rueben Bonnici spjega kif ir-rikorrenti Lorenza Cilia dahlet fi ftehim[17] ma' ARMS Limited sabiex hallset hi[18] dan id-dejn, permezz ta' pagamenti mensili f'Dicembru 2016 u matul is-sena 2017. Id-difiza tal-intimati li r-rikorrenti m'ghandhomx interess fit-talba taghhom ghar-rimbors tal-ispiza li ghamlu biex hallsu dan id-dejn jekk ma jippruvawx li l-hlas ghamluh b'surroga tad-drittijiet tal-Kreditur mhijiex legalment sostenibbli, ghaliex ir-relazzjoni mal-ARMS Limited kienet tar-rikorrenti lokatrici Lorenza Cilia, u l-intimati assumew, fil-konfront tal-lokaturi taghhom, l-obbligu li jirrimborsawhom ghal dawn l-ispejjez. Konsegwentement, id-dejn mal-ARMS Limited ma kienx tal-intimati, li thallas mir-rikorrenti, imma kien esklussivament tar-rikorrenti bl-obbligu tal-intimati li jhallsu lir-rikorrenti ammont ekwivalenti.

Ghall-kompletezza, il-Bord huwa sodisfatt ukoll, fuq bilanc ta' probabiltajiet, mill-veracita' tal-verzjoni tal-fatti moghtija mir-rikorrenti dwar li rcevew karti tal-flus mhux genwini minghand l-intimati, jew fl-interess taghhom, bi hlas tal-kera ta' dan il-fond. Il-Bord qies sewwa l-verzjonijiet moghtija mir-rikorrenti, partikolarment il-verzjoni tar-rikorrenti Josette Micallef, li hija impjegata f'bank lokali u ghalhekk ghandha konoxxenza aktar minn dik li solitament ikollhom persuni ohra dwar il-genwinita', jew xort'ohra, tal-karti tal-flus. Ghalkemm il-verzjonijiet tal-fatti moghtija mir-rikorrenti setghu ma kinux sufficjenti sabiex il-Pulizija Ezekuttiva jiehdu passi kriminali kontra l-intimati, jew kontra haddiehor, f'dan ir-rigward, dan ma jfissirx necessarjament li l-verzjonijiet tal-fatti moghtija mir-rikorrenti m'ghandhomx mis-sewwa, u li ma jibbastawx bi prova tal-fatti allegati f'dan il-process civili fejn l-oneru tal-prova huwa sodisfatt bil-verosimiljanza tal-veracita' tal-fatti allegati fuq bilanc ta' probabiltajiet.

---

[15] Fol. 41

[16] Fol. 47

[17] Fol. 46 sa 49

[18] Fol. 120

Fit-termini tal-iSkrittura ta' Lokazzjoni li tirregola r-relazzjoni lokatizja bejn il-partijiet fuq dan il-fond kummercjali 103, Triq San Lawrenz, Birgu, dawn in-nuqqasijiet kollha taw id-dritt lil-lokaturi, illum ir-rikorrenti odjern, li jirrexxindu l-istess ftehim. Id-dicitura addottata fil-klawsola relattiva, bin-numru tmintax (18), mhix cara bizzejjed u ma tidentifikax liema cirkostanzi huma 'serji bizzejjed' biex jiskattaw dan id-dritt li zammew favur taghhom il-lokaturi. Il-Bord, pero', wara li qies il-kundizzjonijiet tal-kiri fl-interita' tal-ftehim, jasal ghall-konkluzjoni li, fil-mument tal-kuntrattazzjoni, il-lokaturi riedu, u l-intimati inkwilini accettaw, li l-istess lokaturi jkollhom dritt jitterminaw unilateralment din il-kirja, u allura multo magis jitolbu t-terminazzjoni gudizzjarja taghha kif qed jaghmlu f'din l-istanza, jekk l-inkwilini jonqsu milli jadempixxu xi wiehed jew aktar mill-obbligi li ntabtu bihom bil-kuntratt. Dan jghodd b'mod partikolari ghall-kaz fejn l-intimati naqsu li jhallsu puntwalment il-kera, fid-dawl ta' dak stipulat fil-klawsola tnax (12) tal-iSkrittura ta' Lokazzjoni. Apparti wkoll li thallset il-kera bi flus mhux genwini mill-intimati. Il-kwistjoni jekk l-intimati kienux a konoxxenza ta' dan il-fatt o meno (li dan il-Bord mhux se jidhol f'din il-kwistjoni) xorta wahda ma jissollevhomx mill-obbligu taghhom li, gialadarba in verita' l-hlas tal-kera ma kienx sar ghax ma kienux flus genwini, l-kera kellha tithallas ghax baqghet dovuta.

Decide

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-intimati:

(i) jilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u jiddikjara li l-intimati naqsu li jhallsu kera dovuta fis-somma komplessiva ta' tmint elef tlett mija u sittin Ewro (€8,360), u spejjez tas-servizzi fil-fond mikri fis-somma ta' elf tlett mija u tlett Ewro (€1,303);

(ii) jilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimati sabiex, solidalment bejniethom, ihallsu lir-rikorrenti s-somma komplessiva hekk dovuta ta' disat elef sitt mija u tlieta u sittin Ewro (€9,663);

(iii) jilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti u filwaqt li jiddikjara li l-intimati naqsu milli jwettqu l-obbligi lokatizji taghhom, jordnalhom jizgombraw mill-fond mikri 103, Triq San Lawrenz, Birgu, sa mhux aktar tard minn xahar millum u jawtorizza lir-rikorrenti sabiex, wara dan iz-zmien, jirriprendu l-pussess vakanti tal-istess fond;

(iv) jilqa' limitatament il-hames talba tar-rikorrenti u jikkundanna wkoll lill-intimati sabiex, solidalment bejniethom, ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €23.29 (tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu) ghal kull jum li ser ikun ghadda bejn il-21 ta' April

2018 – jum wara li l-intimati kienu notifikati bl-ittra ufficjali tar-rikorrenti li permezz taghha rrexxindew din il-lokazzjoni skont il-ftehim[19] – u d-data li fiha r-rikorrenti jiehdu lura minghand l-intimati l-fond mikri 103, Triq San Lawrenz, Birgu, bil-pussess battal.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali, kif mitluba fir-Rikors Guramentat, kontra l-intimati.

Dr Josette Demicoli
Magistrat

Cora Azzopardi
Deputat Registratur

[19] Fol. 11